**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Novembru, 2015

Rikors Nru 332/15 AL

**AB**
**vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fl-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u erba' (2004) u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg taghhom numru sitta, tnejn, disa' sbarra elfejn u erbgha (626/2004) hawn anness u mmarkat bhala Dok MF 1 ;

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effettwaw is-sepazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Anne Marie Tonna fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) hawn anness u mmarkat bhala Dok MF 2 ;

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda wild ;

Illi l-partijiet ilhom separati ghal aktar minn erba' (4) snin ;

Illi l-esponenti jiddikjaraw illi l-ebda manteniment m'hu dovut u allura ma hemmx l-ebda pretenzjonijiet reciproci dwar manteniment ;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi llum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin ;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimat, li permezz taghha ippremetta :

Illi huwa jirreferi ghar-rikors intavolat mir-rikorrenti martu, rikors Nru 332/15 AL sabiex din il-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg taghhom;

Illi huwa ma joggezzjonax ghat-talba tar-rikorrenti martu, llum legalment separata minnu, sabiex din il-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejnu u bejn martu, u dan peress illi r-rekwiziti ghat-talba tad-divorzju kif elenkati fir-rikors promotur, jinsabu sodisfatti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Awissu, 2015;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' Lulju 2010 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.